22 ta' Mejju, 1946.

**Imhallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giorgina Xuereb *versus* Avv. Dr. Giuseppe Sacco et. ne. (*)

**Serviġi — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Ġurament — Kuraturi — Minuri — Art. 2261 (f), 2264 u 2265 tal-Kodiċi Ċivili.**

***Għall-azzjoni li hija diretta għall-ħlas tal-kumpens għal serviġi prestati hija applikabili l-preskrizzjoni ta' ħames snin. Din il-preskrizzjoni tista' tiġi kombattuta billi jiġi deferit il-ġurament lil min jeċċepi-***

*ha. Però l-kuraturi, avvolja ma jistax jiġi lilhom deferit il-ġurament, jistgħu huma wkoll jeċċepixxu din il-preskrizzjoni.*

*Proprjament din il-preskrizzjoni ma tibdiex tgħaddi mill-aħħar servizz prestat, għax il-kontinwazzjoni tas-serviġi ma timpurtax interruzzjoni tal-preskrizzjoni għar-rigward tas-serviġi anterjuri; u kull servizz jikkostitwixxi proprjamnt kreditu speċjali għalih.*

*Avvolja min ipprestat s-serviġi kien minuri meta pprestahom, din il-preskrizzjoni timxi xorta waħda kontra tiegħu, salv ir-regress ta' dak il-minuri.*

*L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hija rinunzja ta' dritt; u għalkekk, fin-nuqqas ta' interruzzjoni per mezz ta' att ġudizzjarju, hemm bżonn li jkun hemm rikonoxximent tad-debitu biex ikun hemm l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li l-wirt battal ta' l-imsemmija Marianna Vella jiġi kundannat iħallas lilha somma ta' flus li tiġi likwidata minn dina l-Qorti bħala ħlas ta' serviġi li l-attriċi rrendiet lill-imsemmija Marianna Vella għaż-żmien ta' dwar tnax-il sena, kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż; u bl-ordni lill-konvenuti li jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni nvoluta għad-deċiżjoni tal-Qorti hi dik preġudizzjali tal-preskrizzjoni, eċċepita mill-kuraturi;

Illi l-azzjoni esperita hi dik għal kumpens dovut, mhux "jure actionis", imma "officio judicis", meta għalkemm ma jkunx ġie pattwit kumpens, però mill-konkors tal-konġetturi jirriżulta li l-intenzjoni ta' min jippresta s-serviġi kienet li jikkonsegwixxi dan il-kumpens — azzjoni rikonoxxuta fil-Qrati ta' Malta almenu minn 'il fuq minn mitt sena ilu (ara Prima Awla "Cutajar vs. Falzon", 2 ta' Jannar 1843), u dejjem sostnuta fil-ġurisprudenza sussegwenti;

Illi għall-azzjoni simili, li tirrigwarda prestazzjonijiet avventizji, il-preskrizzjoni hi dik kwinkwennali kontemplata fl-art. 2261 Kodiċi Ċivili, Kap. 23, ittra (f), jiġifieri krediti mhux speċifikati (ara Appell "Gauci vs. Camilleri", 24 ta' Jannar 1919, u Appell "Mifsud vs. Saliba", 10 ta' Novembru 1922);

---

(*) Konfermata fl-Appell, 18. 11. 1946.

Illi din hija waħda minn dawk il-preskrizzjonijiet qsar li tista' tiġi kombattuta billi jiġi deferit lill-eċċipjent il-ġurament (art. 2265 idem);

Illi għalhekk ġie fil-ġurisprudenza sollevat id-dubju jekk il-kuraturi (bħal ma hu l-każ in ispeċje) jistgħux jissollevaw eċċezzjoni simili, ġaladarba lilhom ma jistax jiġi mogħti l-ġurament. Il-Qorti ta' l-Appell (Pres. Sir Michelangelo Refalo, Imħallfin Dr. Agius u Dr. Luigi Camilleri), fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 1923, "Bonavia nomine vs. Formosa", irriteniet illi dawk li ma jistgħux jieħdu l-ġurament preskritt fl-art. 2265 (allura 1924), ma jistgħux jagħtu dawk il-preskrizzjonijiet, li, biex ikunu konvalidati, jeħtieġu d-delazzjoni tal-ġurament; u ġew ċitati żewġ sentenzi preċedenti. Aktarx li l-Qorti ta' l-Appell ma kienetx unanimi f'din id-deċiżjoni; għaliex l-Imħallef Dr. Luigi Camilleri, sedenti f'din il-Qorti, kien irritjena, fis-sentenza minnu mogħtija "Satariano vs. Dr. Frendo Azzopardi nomine", 8 ta' Jannar 1920 (Vol. XXIV—II—97), illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi tista' tiġi sollevata mill-kuratur, avvolja ma jistax jiġi lilu deferit il-ġurament; u kien iċċita sentenza ta' din il-Qorti, "Tonna vs. Gallea", tat-8 ta' Lulju 1898, u oħra tal-Qorti ta' l-Appell "Calleja vs. Mangion nomine", 22 ta' Frar 1892 (Vol. XIII, paġina 112), fejn il-Qorti kienet komposta mill-President Sir Adrian Dingli (il-kompilatur tal-Kodiċi fejn hemm dawn id-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni) u l-Imħallfin Sir Salvatore Naudi u Dr. Luigi Ganado. F'din is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell kienet osservat illi l-artikolu 2265 (allura 1924) "non richiede il giuramento dell'eccipiente per fortificare la prescrizione, ma somministra all'attore un mezzo di repellerla colla delazione del giuramento al convenuto, ove egli stesso voglia prevalersene, ed in convenuto sia in grado di poterlo prestare. Se questi è un curatore di ufficio, e ignaro dei fatti, non può nè affermare nè negare; manca, non a lui la presunzione del pagamento, ma all'attore il mezzo di distruggerla; e la prescrizione deve avere il suo effetto........";

L-osservazzjoni deċiżiva u bażilari f'din is-sentenza hi dik li l-ġurament ma hux intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma hu biss mezz biex jirrespinġiha. Fis-sentenza ta' l-Imħallef Dr. Luigi Camilleri hu kien qal li, fil-fehma tiegħu,

għandhom jiġu segwiti d-deċiżjonijiet li ammettew l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni anki mill-parti ta' dawk li ma jistgħux jieħdu l-ġurament preskritt fl-art. 2265; iżda r-raġunijiet li hu ta huma pjuttost applikabili għall-każ ta' konvenut (rappreżentat minn kuraturi) li però ma jkunx mejjet, u aktarx jispjegaw ,il-għala ma jistax jittieħed il-ġurament;

Aktar reċentement din il-Qorti, sedenti l-Imħallef Dr. Montanaro Gauci, "Sac. Grixti vs. Dr. Galea nomine", 25 ta' Novembru 1931 (Vol. XXVIII—II—172), irriteniet ukoll illi l-preskrizzjoni brevi tista' tiġi sollevata mill-kuratur. "Il curatore di ufficio può eccepire la prescrizione breve, mentre non gli si può deferire il giuramento........... perchè non è presumibile che egli sappia di scienza propria i fatti, per poter coscienziosamente rispondere giusta la formola della legge". Anki din ir-raġuni hija pjuttost il-għaliex ma jistax jiġi prestat il-ġurament;

Il-vera kwistjoni, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, hija jekk il-ġurament hux suppletorju għall-preskrizzjoni, b'mod li din ma hijiex kompleta mingħajru u b'mod li dan għandu jiġi meħud bil-fors, u mhux biss meta jitlob dak li kontra tiegħu ġiet mogħtija l-eċċezzjoni, jew inkella jekk il-preskrizzjoni brevi tistax tissussisti mingħajr il-ġurament, li hu biss mezz biex jirrespingħa. Fl-ewwel każ allura, jekk, hi x'inhi r-raġuni, l-eċċipjent ma jistax jieħu l-ġurament, jiġi bħala konsegwenza li ma jistax jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li biex tkun kompleta teħtieġ dak il-ġurament. Fit-tieni każ il-preskrizzjoni tista' tingħata anki mill-kuratur, għaliex weħedha hija kompleta; dak li kontra tiegħu tingħata ma jkollux f'dan il-każ il-mezz li jirrepelliha;

L-Imħallef sedenti, kif ġà esprima ruħu fis-sentenza minnu mogħtija fil-kawża "Arċipriet Dun Paċifiku Mifsud nomine vs. Dr. Giuseppe Speranza nomine", 10 ta' Ottubru 1935 (Prim'Awla), hu ta' fehma illi l-ġurament hu biss mezz biex tiġi kombattuta l-preskrizzjoni, imma ma hux intiż biex jiffortifikaha, u illi hija tissussisti weħedha indipendentement mill-ġurament; u konsegwentement jidhirlu li għandu jsegwi l-ġurisprudenza li tammetti din l-eċċezzjoni anki fil-każ li l-eċċipjenti jkun kuratur. Hu ta' min josserva illi l-Qorti ta' l-Appell, anki qabel is-sentenza ta' l-1892, kienet esprimiet ruħ-

ħa fl-istess sens fis-sentenza l-oħra tagħha "Dr. Sammut vs. Rocco Peralta", tas-17 ta' Ġunju 1881, meta mal-President Sir Adrian Dingli kien hemm żewġ Imħallfin diversi minn dawk fuq imsemmija, jiġifieri l-Imħallfin Dr. Lorenzo Xuereb u Dr. Filippo Pullicino. Ta' l-istess fehma kien anki l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino fis-sentenza "Tonna vs. Galea" fuq ċitata tat-8 ta' Lulju 1898;

Illi mill-provi rriżulta li l-aħħar servizz li rrendiet l-attriċi lil Marianna Vella kien f'Ġunju ta' l-1940, meta huma nfirdu minħabba li bdew ir-"raids" mill-ajru malli skuppjat *il-gwerra ma' l-Italja* u kulħadd beda jirrifuġja ruħu banda oħra. Proprjament ma għandux jittieħed l-aħħar servizz, għaliex il-kontinwazzjoni tas-serviġi ma timpurtax interruzzjoni tal-preskrizzjoni għar-rigward tas-serviġi anterjuri, u kull servizz jikkostitwixxi proprjament kreditu speċjali għalih (ara f'materja analoga, Appell, 3 ta' Ġunju 1887, "Dr. Terreni vs. Banchiere Scicluna", u Prim'Awla "Saċ. Buhagiar vs. Buhagiar", 2 ta' Diċembru 1895, fejn hemm ċitat il-Marcadè, li jitħaddet appuntu fuq "somministrazioni, lavori e servigi di ogni sorta..........." Ara wkoll, aktar reċentement, is-sentenza ta' din il-Qorti "Ciantar vs. Catania", 10 ta' Ġunju 1926). Imma, ankorkè kellu jittieħed l-aħħar servizz, peress li ċ-ċitazzjoni saret fil-31 ta' Jannar 1946, għalhekk kienu għaddew aktar mill-ħames snin tat-terminu preskrizzjonali. Qabel iċ-ċitazzjoni ma kien hemm ebda att ġudizzjarju ieħor interruttiv, u ma jirriżulta minn ebda kliem ta' l-imsemmija Marianna Vella li jistgħu jiġu kostruwiti bħala rikonjizzjoni tad-debitu, u għalhekk tali li jiksru l-preskrizzjoni. Jekk hi qalet "iġri jagħtuni d-dar lura biex nerġgħu kif konna qabel", dawn il-kliem jistgħu jfissru li l-kumpannija ta' l-attriċi hi kienet tikkompjaċi ruħha biha, imma ma jistgħu qatt jammontaw għal dak li trid il-liġi fl-art. 2238 Kodiċi Ċivili;

Illi skond l-attriċi, hi rrendiet is-serviġi mil-1932 sa l-1940. F'dan iż-żmien hi kienet minuri mill-1932 sa l-1943, għaliex issa hi għandha biss 21 sena. B'dan kollu, però, imxiet l-istess preskrizzjoni kontra tagħha skond l-art. 2264 Kodiċi Ċivili, salv ir-regress tagħha;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-osservazzjoni prinċipali kontenuta fin-nota li biha

l-attriċi għamlet il-kritika tar-relazzjoni, illi, ċjoè, fl-1940 kien hemm biss sospensjoni inevitabili tas-serviġi, u mhux tronkament tagħhom, ma għandha ebda influwenza; għaliex apparti li l-kontinwità tas-somministrazzjoni, xogħol jew serviġi, ma toperax bħala interruzzjoni, kif fuq ingħad, hu fatt li minn dak iż-żmien (Gunju ta' l-1940) l-attriċi serviġi oħra ma rrendietx, u l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hi diretta kontra l-kreditu minnha reklamat għas serviġi sa dak iż-żmien. Lanqas hi ta' siwi l-aħħar osservazzjoni li hemm fil-nota, illi Marianna Vella, għad li mill-1940 'il hawn ma rrepetietx lill-attriċi l-kliem "ma nħallikx tbati", wieħed għandu però jippreżumi li hekk riedet; għaliex, biex ikun hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni (li hi rinunzja ta' dritt), hemm bżonn skond il-liġi li jkun hemm rikonoxximent tad-debitu, u dan ma jistax jiġi vagament konġetturat, imma għandu jirriżulta ċar;

Illi għalhekk il-konklużjoni tal-perit legali hija sewwa, u l-kwistjonijiet minnu trattati, kuntrarjament għal dak li ntqal fin-nota ta' l-attriċi, kienu meħtieġa għall-istudju tal-pont, minbarra li juru dik id-diliġenza li tixraq biex il-Qorti tieħu, mill-opera tal-perit, l-ajjut li għalih tkun intiża l-perizja;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali opposta mill-kuraturi, u għalhekk teskludi l-istanza; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.